MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2003

Philip Borg
vs
Ic-Chairman, Air Malta Company Limited, ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Air Malta Company Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b' mod aktar preciz fi/ jew matul is-snin 1988 sa 1994, ir-rikorrent sofra diversi ingustizzji, f' li nghata diversi transfers vendikattivi, u fi tlett (3) okkazjonijiet gie bl-akbar mod ingust, abbuziv u diskriminatorju mcahhad minn promozzjonijiet dovut lilu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi r-rikorrent kien gie impjegat ma' l-Air Malta Company Ltd., bhala "Public Relations Officer" fit-2 ta' Ottubru 1978

wara sejha pubblika, u wara zewg interviews u gie promoss ghall-grad ta' Assistant Manager f' Gunju 1986.

Illi minbarra fid-diversi kwalifiki akkademici illi ghandu, - fost ohrajn: - Licenzja fil-Filosofija, Baccellerat fit-Teologija u Diploma fix-Xjenza Socjali - ir-rikorrent kien kiseb ukoll esperjenza vasta fil-qasam tal-media, fost ohrajn mar-Radio Vaticana, ma' l-Osservatore Romano, ma' Radio Umbria, u ma' l-ufficju tal-B.B.C. f'Ruma; flimkien ma' esperjenzi vasti ohra fix-Xandir Lokali.

Illi, flimkien ma' dan kollu, ir-rikorrent dejjem qeda dmirijietu mal-Kumpanija bl-akbar reqqa u attenzjoni, kif jixhdu tant tajjeb il-"Confidentiality Reports" li sarulu.

Illi r-rikorrent ghamel ukoll diversi snin "seconded" mal-Gvern, u matul dan iz-zmien ottjena esperjenza kbira kemm f'delegazzjonijiet ministerjali, kif ukoll meta serva bhala Assistent Direttur ta' l-Informazzjoni, u fis-Segretarjat Privat tad-Deputat Prim Ministru ta' dak iz-zmien.

Illi wara l-bidla fil-Gvern f'Mejju 1987 ir-rikorrent rega' mar fl-impjieg permanenti tieghu fl-AirMalta, fl-istess post u kariga li kellu qabel ma telaq fuq is-"secondment".

Illi minn hawn, ir-rikorrent gie moghti tlett (3) transfers ingusti u kapriccuzi, u cioe`:- (a) mis-sezzjoni "Advertising and Public Relations" ghat-"Training Centre" f' Lulju 1988; (b) mit-"Training Centre" ghall-Finanzi f' Novembru 1991; u (c) mill-Finanzi ghall-Arkivju f' Mejju 1992; liema tliet "transfers" ma kienu bl-ebda mod relatati ma' xi nuqqas fix-xoghol tar-rikorrent.

Illi, minbarra minn hekk, ir-rikorrent gie bl-aktar mod abbuziv, illegali u diskriminatorju ghal tliet (3) darbiet mcahhad minn promozzjoni ghall-grad ta' Manager, liema promozzjoni kienet lilu dovuta bl-aktar mod car u lampanti.

Illi f' dawn it-tlett okkazzjonijiet, cioe` : f'Awissu 1990 u f'Awissu 1993 ghall-grad ta' "Manager Training" u f' Awissu 1994, ghall-grad ta' "Manager Marketing and

Public Relations", intaghzlu, a skapitu tar-rikorrent, persuni li (a) kienu anqas kwalifikati mir-rikorrent; (b) kellhom ferm anqas esperjenza fix-xoghol in kwistjoni; u (c) kellhom ukoll anqas "seniority" mir-rikorrent.

Illi, minbarra minn hekk, ghal kawzi tliet (3) snin shah minn Novembru 1992, ir-rikorrent gie fizikament mwarrab mill-bqija ta' l-impjegati u gie mgieghel jahdem f' ambjent degradanti u perikoluz ghal sahhtu, minbarra fl-umiljazzjoni u emarginazzjoni sistematika, li kien qed jigi kontinwament soggett ghaliha.

Illi ghaldaqstant, ir-rikorrent jemmen illi gie moghti dawn it-transfers u gie mcahhad mill-promozzjoni lilu dovuta, ghall-ebda raguni valida, u b'mod l-aktar ingust u diskriminatorju, u li minhabba f' hekk bata danni finanzjarji u morali konsiderevoli, u ghalkem illum lahaq dak il-grad, il-possibilitajiet li hu javvanza fil-karriera tieghu gew mizmum lura ingustament u b' mod l-aktar diskriminatorju u abbuziv.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness, li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib bi prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi :- (i) jigi dikjarat illi r-rikorrent sofra ngustizzja meta hu bl-aktar mod ingust u diskriminatorju gie moghti transfers kapriccjuzi u mcahhad minn promozzjonijiet lilu dovuti; (ii) jigi ordnat illi jkollu l-promozzjoni tieghu ghall-grad ta' Manager datata b'lura sa Awissu 1990, bil-beneficcju kollha b' lura, li tali promozzjoni kienet iggorr maghha u minghajr ma jigi mtellef minn kwalunkwe dritt spettanti lilu fir-rigward ta' promozzjonijiet u beneficcji ohra; u (iii) jigi ordnat li jinghata kumpens ta' hamest elef liri Maltin [Lm5,000] ghall-inustizzji hekk sofferti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi transfers moghtija lir-rikorrent kienu motivata sabiex l-intimat ikun jista' juza s-servizzi ta' l-istess.

2. Illi kien hemm aktar minn transfer wiehed stante li r-rikorrent naqas li jintegra mal-kollegi u max-xoghol ta' kull sezzjoni li huwa ntbaghat fiha.

3. Illi r-rikorrent ma appellax mid-decizjoni ta' l-interviewing board meta wiehed mill-ezamijiet ghall-post ta' Manager Training fil-1990 u ghalhekk f' dan l-istadju huwa ma setax iressaq dan l-ilment meta dak iz-zmien huwa ma ezawriex ir-rimedji kollha li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu.

4. Illi meta r-rikorrent rega' applika fil-1993 fl-istess grad ta' Manager Training iz-zewg kandidati li applikaw wehlu mill-ezami u dana kif jidher minn Dok A.

5. Illi din id-decizjoni giet konfermata mill-Appeals Board (Dok B).
6. Illi meta r-rikorrent rega' applika fil-1994 ghall-post ta' Manager Marketing huwa rega' m'ghaddiex (Dok C).

7. Illi kuntrarjament ghal dak li qed jallega r-rikorrent, il-post kien ghal Manager Marketing u mhux ghal Manager Marketing and Public Relations.

8. Illi l-kwalifici tar-rikorrent huma fil-Public Relations u mhux fil-marketing u dana kif jirrizulta minn Dok D.

9. Illi r-rizultat kien gie konfermat mill-Bord ta' l-Appell (Dok E).

10. Illi anke meta r-rikorrent applika ghall-Manager Ground Operations u Manager Ramp Services, huwa ma kellu ebda kwalifika jew esperjenza ghal ebda wahda minn dawn l-applikazzjonijiet.

11. Illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma nghata xoghol perikoluz u degradanti u dana kif jigi ppruvat fil-proceduri.

Salvi risposti ulterjuri.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.
Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit u fih qal li hu kien impjegat mal-AirMalta Company Limited bhala Public Relations Officer fit-2 ta' Ottubru 1978. F' Gunju 1986 gie promoss Assistant Manager fl-istess sezzjoni. Semma l-kwalifiki akkademici u l-esperjenza li kellu fosthom licenzja fil-Filosofija, Bacellerat fit-Teologija u Diploma fis-Xjenzi Socjali. Kompla jghid li dejjem qeda dmiru bl-akbar reqqa u attenzjoni. Hu qal li kien integra ruhu sewwa kemm fis-sezzjoni tal-Advertising and PR kif ukoll fis-Sezzjoni tat-Training and Social Centre u sostna li gie trasferit bl-aktra mod vendikattiv. Meta ntbaghat fis-sezzjoni tal-Archives thalla ghal perjodu ta' xhur bla ufficcju u wara insistenza tpogga f' bini dikjarat ghat-twaqqiegh. Hu ma kienx appella mill-ghazla ghall-promotion ta' Manager Training fl-1990. Qal li l-bord ta' l-appelli li kien kompost minn persuna wahda kien rimedju finta biex jostor l-ingustizzji li kienu qed jitwettqu aktar ta' sikwiet. Rigward il-promozzjoni ghall-grad ta' **Manager Training fl-1993** qal li bl-interviewing board kif kien kompost ma setax ikun imparzjali. Dwar l-Appeals Board qal li dan kien mahsub biss biex jiccertifika li l-proceduri kienu segwiti korrettement u din id-decizjoni kienet suggetta ghall-approvazzjoni diskrezzjonarja tac-Chairman. Sostna li r-rizultat tal-interviewing board ghall-post ta' **Manager Marketing fl-1994** kien ingust billi kien precedut minn fatti u cirkostanzi ta' ghaggla insolita u stramba ghall-ahhar u

ghaliex ma ghamel ebda accenn ghall-artikolu 10 tal-Ftehim Kollettiv bejn l-Air Malta u l-GWU. Il-kandidat li kien maghzul ma kellux kwalifiki u tul ta' servizz daqs ir-rikorrent. Kompla jghid li fir-rizultat iffirmat mill-interviewing board hemm il-kumment li l-persuna l-ohra li ntaghzlet u cioe` Brian Tortell "is the only candidate who has successfully completed the Outstation Course". Izda l-Outstation Course ma kienx rikjest fis-sejha ghall-applikazzjonijiet. Zied jghid li l-kandidat maghzul la kellu kwalifiki daqsu jew daqs il-kandidat l-iehor u wisq anqas tul ta' servizz fl-Air Malta billi kien ghadu kif gie ngaggat direttament minn barra pero` martu nzertat ukoll is-segretarja privata tac-Chairman li kienet ingabet mieghu mill-Bank of Valletta.

Qal li fl-applikazzjoni kienet intalbet university degree u zied li l-kandidat li ha l-promozzjoni la kellu degree la fil-Public Relations u anqas fil-Marketing. Sostna li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell b' ebda mod ma telimina l-fatt li saret diskriminazzjoni kontrieh.

Dwar il-kaz ta' **Manager Ground Operations u Manager Ramp Services** din ma saritx a bazi ta' kwalifiki imma ghaliex kienet qed issir diskriminazzjoni kontra dawk li kellhom tracca ta' attivita` konnessa mal-GWU jew mal-Partit Laburista. Qal li hu qatt ma kien se jkollu l-opportunita` li javvanza fl-Air Malta.

Dwar it-**transfers** semma wkoll li fil-bini li kien intbaghat jahdem fih kienu nstabu skeletri ta' qtates. Il-kmamar kellhom jigu fumagati biex jinqerdu l-insetti, irwejjah u perikli ghas-sahha tal-bniedem. Kienet qabditu infezzjoni f' riglejh u jdejh u mbaghad wara kien inharaq kollox fl-inceneritur li kien hemm qrib l-air terminal l-antik. Esebixxa kwantita` ta' dokumenti in sostenn tal-affidavit.

In kontro ezami r-rikorrent xehed li hu attenda ghall-korsijiet ta' management fl-Airmalta stess u kien jorganizzahom hu meta kien Assistant Manager fit-Training. Hu kien attenda kors ta' seba' xhur tal-BBC f'Ruma u kienu jiltaqghu tlett darbiet fil-gimgha u kienu jghallmuhom Public Relations. F'Awissu 1994 applika

ghal Manager Marketing and PR. Qal li jista' jkun hemm Manager ghal Marketing u Manager ghall-Public Relations. Meta applika s-sezzjoni kienet Marketing and PR u qabel kienet Advertising and PR within the Marketing Department. L-applikazzjoni kienet ghal Manager Marketing within the Marketing and PR Section. Hu ma kienx appella mir-rizultati wara l-applikazzjoni ta' Awissu 1990. Fl-1993 kien appella peress illi ma kienx inghata l-grad ta' Manager Trainning. Sostna li l-bord ta' l-appell ma kienx indipendenti. Il-persuna li kienet tiehu l-minuti meta jsiru l-appelli kienet Miss Camilleri li kienet l-Assistenta tal-Human Resources Manager. Kienet ukoll tiddraftja r-rakkomandazzjoni tas-Sur Caruana li kien jippresjedi l-bord. Sostna li fl-interview mar ahjar mis-Sur Tortell. Quddiem il-bord ta' l-appell qajjem il-punt ta' diskriminazzjoni izda l-bord ma tahx din il-kwistjoni u stabilixxa biss li f-fatti kienu korretti.

Xehed Lawrence Mizzi li ilu impjegat mal-Airmalta mill-1974. Iz-zmien li r-rikorrent inghata xi trasferimenti x-xhud kien inkarigat mill-maintenance. Ikkonferma li r-rikorrent kien intbaghat jahdem fi blokk fejn kienu nqatghu s-servizzi tad-dawl, ilma u telephone. Ma kienx jaf jekk qattx kien hemm servizz tat-telephone.

Xehed Stephen Young li ilu impjegat mal-Airmalta mill-1975. Lir-rikorrent ilu jafu mill-1975 meta kien Manager Industrial Affairs. Jaf li r-rikorrent kien ircieva ittra mill-kumpanija li biha kien gie nfurmat li kien ser jigi trasferit. It-ton ta' din l-ittra pjuttost kien ta' theddid u dwarha kienet intervjeniet il-GWU. Wara l-intervent tal-Union il-Kumpanija dehrilha li kellha tirrevedi din l-ittra. Zied li r-rikorrent kien hareg bis-sick leave minhabba li kien ha infezzjoni minn xi kaxxi fejn kien qieghed jahdem u darba ohra minhabba dipressjoni. Il-bini fejn kien intbaghat jahdem ir-rikorrent ma kienx post li tibghat in-nies jahdmu fih. Mill-esperjenza li kellu mill-personnel section tal-Kumpanija qal li l-promotion exercise jiehu madwar xahrejn. Qal li l-promotion exercise li kien involut fih ir-rikorrent kien haga stramba peress li sar biss f'sitt ijiem b'weekend fin-nofs. Kien hemm ghaha kbira fil-Kumpanija dwar dan il-kaz. Kien intghazel is-Sur Tortell li kien ir-

ragel tas-segretarja tac-chairman ta’ dak iz-zmien. Lir-rikorrent iddeskrivieh bhala bniedem li tista’ torbot fuqu, efficjenti, affidabbli fuq ix-xoghol u jekk ikun hemm bzonn xi haga jaqbez mill-ewwel. Qal ukoll li r-rikorrent huwa attivist Laburist u membru tal-GWU.

Xehed Michael Buhagiar li ilu jaf lir-rikorrent dawn l-ahhar 20 sena. Qal li lir-rikorrent jafu bhala bniedem habrieki, ta’ l-affari tieghu, responsabbli u jaf l-affarijiet tieghu sewwa. Ikkonferma li r-rikorrent kien inghata trasferiment. Is-Sur Tortell kien jahdem fl-ufficcju max-xhud, u kien ingab minn barra u nghata l-promozzjoni ghal Manager Marketing and PR. Qal li r-rikorrent kellu hafna aktar seniority minn Brian Tortell, li kellu biss bhala kwalifiki diploma fl-Ancient History. Fuq il-bord ta’ l-ghazla kien hemm Dr. Joe Farrugia li kien qrib hafna tac-Chairman ta’ l-Airmalta u maghruf ghall-kulur politiku tieghu, Joe Saliba li kien qrib hafna tac-Chairman ta’ l-Airmalta u Alfred Bonnici. Zied ighid li l-bord ta’ l-appell kien kompost minn persuna wahda biss li kienet is-Segretarja tal-bord.

Xehed Tony Zarb li jaf lir-rikorrent bhala attivist fil-GWU u li hu laburist. Qal li r-rikorrent huwa bnieden responsabbli fuq ix-xoghol u jara kif ser isolvi l-problemi. Kompla jghid li xi zmien kien ntbaghat jahdem f’bini li kellu jitwaqqa u f’xi zmien anqas kien hemm siggu fejn jahdem. Qal li r-rikorrent kien hadha bi kbira meta ma nghatax il-promozzjoni u kien ghamel zmien ibati minn dipressjoni. Zied ighid li r-rikorrent kien qed ibati u kellu l-moral imkisser. Qal li dak iz-zmien il-bord tal-appell kien biss formalita`.

Xehed Ray Avellone li ilu impjegat mal-Airmalta mill-1974. Bejn Settembru 1988 u April 1994 kien Assistent Segretarju tal-GWU. Qal li ghall-habta ta’ l-1991 ir-rikorrent intbaghat f’bini mimli kaxxi u xoghlu kien li jiftaghhom u jirrekordja dak li kien fihom. Zmien minnhom qabditu infezzjoni minn fuq il-post tax-xoghol u hareg bis-sick leave. Meta dahal lura ma ntbaghatx f’dak il-post izda ma kienx inghata nkarigu u anqas post tax-xoghol u ghalhekk kien iqatta hafna zmien fil-karozza. Qal li meta kien iddahhal Brian Tortell minn barra l-union kienet

oggezzjonat. Qal li r-rikorrent kellu esperjenza u seniority fil-PR iktar minn Brian Tortell. Qal li l-procedura biex inhatar Manager Marketing and PR ma kinitx wahda normali u saret fi zmien qasir. Il-union kienet toggezzjona minhabba li l-bord ta' l-Appell kien suggett ghal decizzjoni finali izda qatt ma sar xejn dwar dan.

Xehdet Rita Talor East li qalet li r-rikorrent beda jahdem mal-Airmalta fit-2 ta' Ottubru 1978 fis-sezzjoni tal-Marketing Department bhala Officer. F' Mejju 1979 kien intbaghat l-Airport Hotel li kienet sussidjarja tal-Airmalta u dam hemm sal-1979. Minn Marzu 1981 sa Gunju 1982 kien mar il-Mediterranean Conference Centre. F' Mejju 1987 ir-rikorrent rega' mar lura fl-Advertising Section fil-Marketing Department tal-Airmalta. F' Settembru 1988 kien mar it-Training Department bhala Assistant Manager, grad li diga kien fih. Fit-2 ta' Dicembru 1991 gie trasferit fil-Finance Department u fl-10 ta' Gunju 1992 gie trasferit fir-Records and Marker Section. Meta r-rikorrent kien jahdem fl-Advertising Department Section hareg memo mis-superjur tieghu li kien jghid li ghalkemm ir-rikorrent kien jahdem ix-xoghol kien ta' certu pressure u mhux adattat ghar-rikorrent. Anke fl-appraisal report ta' dak l-istess perjodu hemm xi rimarki fuq l-istess linja. Meta r-rikorrent mar lura l-Airmalta fit-12 ta' Mejju 1987 wara li kien seconded id-DOI baqa' jiehu l-istess paga u baqa' fl-istess grad. Qalet li mhux normali li tinghata promozzjoni meta xi hadd ikun seconded f' dipartiment iehor. Fl-1990 r-rikorrent applika ghal Manager Training u kien intaghzel Mario Ghio li kellu esperjenza tat-taghrif peress li kien jaghti tahrig lill-impjegati tal-Passenger Service. Ipprezentat ukoll ittra miktuba mis-Sur Sladden li kien Manager Finance fejn dan qal li r-rikorrent ma kienx prezenti dejjem fuq il-post tax-xoghol u talab li dan jigi trasferit.

Qalet li s-sejha tal-1993 ghal Manager Training hadha Peter Grech li ma kienx jahdem mal-Airmalta. Kienet harget sejha mill-ETC u peress li ma nstab hadd addattat intaghzel is-Sur Grech li kien Training Manager tal-SGS. Dwar is-sejha ghal Manager Marketing qalet li l-Marketing Section kienet imtliet b' nies zghar u dan kien post ta'

certu importanza u kien imtela fi zmien gimgha. Ir-rikorrent kien ukoll applika ghal Manager Ground Service izda ma ntaghzilx ghax ma kellux esperjenza ghal dak ix-xoghol. Hu ma kienx attenda ghall-interview ghax kien ma jiflahx.

Qalet li ma tafx li r-rikorrent kien attivist tal-GWU. Meta bniedem ikun sekondat normalment ma jiehux promozzjoni, jitlef ix-shift allowance u t-transport allowance u meta jmur lura mal-kumpanija jmur lura f' dak il-grad Ziedet li mhux normali li bniedem li jkun ilu biss sena mal-kumpanija jiehu promozzjoni, kif mhux daqshekk normali li persuna li jkollha diploma fl-Ancient History tiehu promozzjoni fil-PR Marketing, izda ziedet li l-mod in generali kif jinghataw il-promozzjonijiet fl-Airmalta dawn l-affarijiet isiru. Ikkonfermat li r-rikorrent bejn l-1987 u l-1992 ccaqlaq 4 darbiet. Wiehed mit-transfers kien ghat-Training Center to set up the department. L-Archives Section ma kienx jezisti u kien bdieh is-Sur Borg. Ikkonfermat li l-Archives Section kien f' post mahmug, u qalet li mill-file jirrizulta li r-rikorrent ha infezzjoni mill-post tax-xoghol. Ma kenitx taf li f' dan il-bini ma kienx hemm facilitajiet.

Ghall-hatra ta' Manager Training applikaw biss ir-rikorrent u Michael Buhagiar izda hadd minnhom ma nghata l-promozjoni. Ikkonfermat li dan il-post imtela mis-Sur Tortell. Dak iz-zmien ir-rikorrent kien ilu 15-il sena mal-kumpanija.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta min-nuqqas ta' tliet promozzjonijiet kif ukoll minn Transfers. Hu lmenta mill-fatt li ma nghatax il-promozzjoni ta' Manager Training fl-1993, ta' Manager Marketing fl-1994 u Manager Ground Operations u Manager Ramp Services. Dwar l-ewwel aspett tal-ilment u cioe` fuq Manager Training ma jidhirx li fil-fatt ir-rikorrent gab provi sufficjenti li hu kellu kapacitajiet u esperjenza sufficjenti biex jiehu l-post. Irrizulta li kienu applikaw ir-rikorrent u Michael Buhagiar u r-rikorrent gab 80 marka waqt li Buhagiar 68 izda l-bord hass li hadd mill-kandidati ma

kellu l-grad necessarju. Ir-rikorrent ma gab ebda prova ta' xi haga irregolari dwar dan. Anqas infatti ma saret xi prova li kien hemm xi interess specjali li jitpogga xi hadd iehor in partikolari. Ghal dawn il-motivi ma jsibx dan l-aspett tal-ilment ippruvat.
Differenti hu l-kaz tal-ilment tar-rikorent dwar il-kariga ta' Manager Marketing. Fil-kawza fl-ismijiet Michael Buhagiar vs Airmalta deciza minn dan it-Tribunal fil-21 ta' Gunju 2001 it-Tribunal qal riferibbilment ghal Michael Buhagiar li f' dak il-kaz kien ir-rikorrent:

"Il-kaz hu differenti dwar l-ahhar applikazzjoni. Hawn applikaw tlieta minn nies izda intghazel ir-ragel tas-segretarja privata tac-Chairman. Certament dan fih innifsu ma jfissirx wisq u zgur li t-Tribunal mhux qieghed jghid li kien hemm xi influenzar da parti ta' xi nies, anzi t-Tribunal ma jahsibx hekk. Izda nzerta li dak li ntghazel kien il-persuna li relattivament ma tantx kien ilu f'dan il-qasam. Certament li dan kien persuna kompetenti kif jidher mill-kwalifiki li kellu, izda meta wiehed iqis li akademikament ir-rikorrent certament mhux inferjuri, f'dak il-kaz is-snin ta' esperjenza tar-rikorrent kellu certament jaqilbu l-mizien favur ir-rikorrent.

Raguni li nghatat mis-socjeta`intimata hija li l-kwalifiki tar-rikorrent huma dwar suggett totalment differenti minn dak li kien jirrikjedi l-post in kwistjoni. Izda mhux l-istess irid jinghad dwar persuna li hadet il-promozzjoni u li kienet kwalifikata b'**diploma** fl-Ancient History waqt li r-rikorrent kellu **dottorat** fil-ligi kanonika! It-Tribunal ma setax hlief jammira is-sens ta' kapacita' fil-kitba tal-konsulent legali tas-socjeta' intimata meta fir-risposta qal:

"Il-kandidat il-maghzul huwa gradwat fl-Istorja liema lawrja hija ferm importanti ghal tali kariga minhabba l-fatt li huwa ghandu d-dmir li primarjament jippromovi il-wirt storiku Malti bhala incentiv ghat-turizu Malti. In kwantu ghar-rikorrent, il-lawrja tieghu fit-Teologija m'hi ta' ebda rilevanza ghal kariga li applika ghaliha."

Il-mod kif sar l-interview mhu xejn sabih – l-ghagla enormi li mhix solita.  Hawn certament tirrizulta ingustizzja cara fil-konfront tar-rikorrent.”

Jinghad li meta wiehed jezamina d-Dokument “C” a fol 14 tal-process jirrizulta li Tortell kien gab 317 marka waqt li Philip Borg 160 u Buhagiar 116 izda hawnhekk it-Tribunal ma jistax hlief jikkummenta dwar il-fatt ta’ kwalifiki li certament ta’ l-ahhar tnejn kienu superjuri ghal ta’ min intghazel.  Bl-istess mod l-esperjenza u snin ta’ impjieg – seniority, kienu certament fatturi pozittivi favur Borg u Buhagiar.  Il- mod mghaggel ta’ kif f’ temp ta’ gimgha saru l-proceduri kwazi kollha ma hu xejn konvincenti.  Hawn mhux qed jinghad li l-persuna l-ohra mhux persuna kapaci ghax certament it-Tribunal meta anqas biss kellu l-opportunita` li jisma’ lill-persuna l-ohra ma jistax jikkummenta f’ dan is-sens izda minn naha l-ohra c-cirkostanzi kollha jwasslu li l-mod kif saret il-hatra jammonta ghal ingustizzja.

Nigu issa ghal Manager Ground Operations u Ramp Services.  Hawnhekk jirrizulta li r-rikorrent ma kellu ebda kwalifiki specjali jew esperjenza ghal ebda wahda minn dawn l-applikazzjonijiet.  Infatti ma gab ebda prova sufficjenti biex jiggustifika li fil-fatt saret ingustizzja meta hu ma hax din il-promozzjoni u ghalhekk f’ dan ir-rigward it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll minn trasferimenti izda t-Tribunal ihoss li ghalkemm ma kienx gust li saru dawk it-trasferimenti u li r-rikorrent bata minnhom huwa sejjer jigi adegwatament kompensat bid-decizjoni tat-Tribunal dwar il-promozzjoni ghal Manager Marketing.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrent dwar il-post ta’ Manager Marketing filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata dwar l-aspett ta’ dan l-ilment, jilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata dwar l-aspetti l-ohrajn kollha tal-ilment, u peress li jsib l-ilment gustifikat ghal dak li jirrigwarda l-kariga ta’ Manager Marketing jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga b’effett mill-istess data li kienet inghatat lil Brian

Tortell u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------